MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-20 ta' Awwissu, 2008

Numru. 543/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**Rodney Vella**

Kumpilazzjoni Numru 543/2008

Illum, 20 ta’ Awissu, 2008,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Rodney Vella ta’ 28 sena iben Nazzareno u Antoinette nee’ Scicluna, mwieled Pieta` fit-8 ta’ Awissu, 1979 u residenti fil-fond Blokk 3, Entratura B, Flat 8, Triq is-Salvatur, Kalkara u detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 370079M.

Akkuzat talli f’ Hal Lija nhar it-3 ta’ Marzu, 2007, ikkommetta serq ta’ flus kontatnti mill-fond ‘C. Abela Service Station’ sitwat fi Triq il-Mosta, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi s-somma ta’ €233 (mitt lira Maltija) izda anqas minn €2330 (elf lira Maltin) u li sehh ghad-detriment ta’ Victor Abela;

U aktar talli sar recediv ai termini ta’ l-atikoli 49, 50, 289 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’ sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(c), 267, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma fid-9 ta’ Lulju 2008 l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tghatu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghat lil Jeanne Cali in rapprezentanza ta’l-agenzija Caritas.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi.

Illi f’l-ewwel lok jigi rilevat li s-sentenza ta’ prigunerija mghotija f’is-16 ta’ Frar 2007 diga giet reza effettiva u l-

imputat diga qed jiskonta dik is-sentenza u sentenza ohra karcerarja.

Illi fil-fatt il-fedina penali ta' l-imputat hija wahda preokkupanti u turi li l-imputat kien qed jinjora l-opportunitajiet li kienet qed taghtih l-Qorti minn zmien ghal zmien. Issa fil-fatt qieghed jiskonta zewg sentenzi ta' piena karcerarji li wahda minnhom kienet originarjament sospieza.

Illi min-naha l-ohra l-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni l-isvolta ricenti li donnha qed issehh fil-hajja ta' l-imputat. Fil-fatt jirrizulta li huwa ser jigi ammess biex jibda programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u li piena karcerarja ohra ser timpedih milli jibda dan il-programm.

Illi jirrizulta ukoll li kien l-imputat stess, u minn jeddu, li mar ghand il-pulizija biex jirritorna l-flus misruqa skond l-imputazzjoni odjerna, u dan meta lanqas biss kien ghadu sar rapport mid-derubat; id-derubat sar jaf bis-serq meta infurmawh il-pulizija.

Illi l-Qorti in vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u wara li semghat lil Jeanne Cali tghid li l-imputat qed jigi evalwat b'l-ghan li jigi ammess f'programm ta' riabilitazzjoni, hija lesta taghti l-ahhar opportunita lill-imputat biex ikompli fi triq li jidher li qabad ricentement u effettivament jirriforma ruhu u jeghleb il-vizzju tad-droga.

Illi ghalhekk l-Qorti hija tal-fehma li ghandha timponi ordni ta' *probation* ghall-itwal zmien permess mill-Ligi b'diversi kundizzjonijiet inkluz dik li l-imputat ghandu jibda u jkompli sa tmienu l-programm ta' riabilitazzjoni u li jsegwi kull direttiva u ordni li jaghtuh kemm id-dirigenti tal-programm li ser ikun qed isegwi u kif ukoll l-ufficjal tal-*probation* li ser jigi assenjat lilu. In oltre l-imputat m'ghandux jiehu aktar sostanzi illeciti u wara li jispicca l-programm u ghat-tul tal-perjodu tal-*probation* l-imputat ser ikollu jisottometti ghal testijiet biex jigi stabbilit li huwa ma jkunx qed jiehu sostanzi illeciti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(c), 267, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kap 446 tpoggih taht ordni ta' *probation* ghal perjodu ta' tlett snin taht il-kundizzjonijet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-hati Rodney Vella fi kliem car ir-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk huwa jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' tlett snin.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficjal responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------